# PASTOR

rivista pastorali

*maħruġ mis-Soċjetà tal-Kleru Christus Rex*

**Vol XXXIV n. 309** Novembru - Diċembru 2003



## Editorjal

- *40 Sena wara l-Konċilju* 2

## Kummenti

- *Biex is-Sinodu jinftiehem aħjar* Dun A. Portelli 4
- *Sinodu Djoċesan u l-Ħajja Konsagrata* P. W. Axiaq, OFM Cap 6

## Artikli

- **Dun Ġorġ... Qassis** Dun H. Scerri 8
- **Id-Djakonat fit-Testment il-Ġdid** (Trad. ta' G.G. Attard) 11
- **L-Inkurunazzjonijiet ta' Xbihat Devoti - Il-Madonna fit-Titli kollha li nagħtuha (3/4)** P. A. Bonnici OFM Conv. 15
- **Antropoloġija Pawlina** J.A. Fitzmyer SJ (Trad. ta' G.G. Attard) 24

## Virtujiet

- *Li żżomm sħiħ* 41

## Reċenzjoni

- *Aver cura la famiglia e il malato nell'approccio interdisciplinare* di Mons Charles Vella Arcivescovo C.F. Ruppi 43


Tistgħu tibagħtu l-artikli tagħkom fuq *floppy disk* 3¼"
jew permezz ta' *e-mail* lil: mbugeja@mail.global.net.mt
Is-'Suġġett', fil-każ ta' *e-mail*, għandu jitniżżel bħala "PASTOR".
Tinsewx tinkludu **t-titlu tal-kitba** u **l-isem sħiħ tal-awtur**
f'kull materjal mibgħut għall-pubblikazzjoni.

# Dun Ġorġ... Qassis

## Kif il-Beatu Ġorġ Preca għex is-saċerdozju

●

Dun Hector Scerri

Ħabb lil Alla. Ħabb 'il-Knisja tiegħu. Għex qalb il-poplu. Bniedem t'Alla u bniedem fost il-bnedmin. Profeta. U għax profeta kien bniedem t'Alla u qassis tal-poplu. Dan hu Dun Ġorġ. Kif għex il-vokazzjoni saċerdotali?

Se naqsam dawn il-ftit ħsibijiet fi tliet partijiet: l-ewwel, Kontemplazzjoni u intimità mal-Mulej; it-tieni, Saċerdot tal-poplu u mal-poplu; it-tielet, Għotja sħiħa.

**1. Kontemplazzjoni u intimità mal-Mulej**

Dun Ġorġ kien bniedem ta' kontemplazzjoni. Sammar ħarstu fuq l-Imgħallem. Nimmaġinah ilissen il-kelmiet tant għeżież: "Lejh biss inħares il-ġranet kollha ta' ħajti"[1]. Għal ħinijiet twal kuljum kien jitpaxxa bil-Mulej u fil-Mulej. Spiss nistħajlu fil-pożizzjoni tad-dixxiplu l-maħbub fl-Aħħar Ċena, rasu fuq sider Ġesù, jisma' kull taħbita ta' qalbu. Mhux ta' b'xejn li seta' jtenni u jfisser Leħen il-Maħbub! Dun Ġorġ għex din l-intimità sħiħa mal-Mulej. Kien bniedem ta' komunikazzjoni m'Alla... komunikazzjoni kontinwa, bniedem ta' talb. U mill-milja tal-Mulej huwa rċieva grazzja fuq grazzja (ara Ġw 1,16). U dan qasmu mas-soċji. Mhux biss. Qasmu mal-poplu kollu. Minnu kulħadd kiel u gawda. Dun Ġorġ kien presbiteru ta' min jemmnu għax dejjem ħabbar il-Kelma t'Alla li lejh kien fidil u sinċier. Fih naraw xhieda qawwija ta' saċerdot fis-smigħ doċli tal-Kelma, fil-kontemplazzjoni tagħha fit-talb.

**2. Saċerdot tal-poplu u mal-poplu**

Kulħadd jistqarr għalenija li Dun Ġorġ kien saċerdot tal-poplu. Kien qrib il-bnedmin kollha, speċjalment dawk batuti u fil-bżonn. Kien "dak li... jagħder 'il dawk li ma jafux u li jiżbaljaw, għax huwa mlibbes bid-dgħufija" (Lh 5,2). "Kien żelanti ħafna;

...dejjem umli u qalbu ħanina mas-sofferenti; dejjem ifittex li jagħti xi tagħlima spiritwali; dejjem assidwu fil-qrar, tant li ġieli baqa' jqarar sa tard ħafna bil-lejl; jippriedka b'mod li jista' jifhmu kulħadd, anke t-tfal żgħar"[2]. Ħutu l-bnedmin kienu jinġibdu lejh mhux għax kellu xi suttana nadifa jew xi żarbun blakkat jew leħja mqaxxra friska. Inġibdu lejh għax fih raw qalb tad-deheb. Anzi, tad-deheb l-iżjed fin. In-nies kienet tersaq għandu u tferra' għommtha għax kienet taf li setgħet tafdah.

Dun Ġorġ huwa s-saċerdot pellegrin. Bħal Ġesù kien joħroġ ifittex in-nies barra mit-tempju. Kien joħroġ bħal pellegrin, jersaq lejn il-miġruħ ta' Ġeriko bħas-Samaritan it-tajjeb. F'ħajtu sar xebh mar-Ragħaj it-tajjeb li jmur ifittex in-nagħġa li qabdet il-mogħdija tat-telfien.

Saċerdot tal-poplu. Ma beniex xi pedestall għalih innifsu. Għex mal-poplu. Kellu l-polz tal-poplu f'idejh. Tassew profeta. Għex qalb in-nies.

Għalhekk Dun Ġorġ jistħoqqlu li jissejjaħ *espert ta' l-umanità*. Kien raġel *għall*-oħrajn u *ma'* l-oħrajn. Bl-istudju, bir-riflessjoni u b'sens profond ta' smigħ, kien bniedem istruwit, infurmat, jaf jisma', sieket u umli. Kellu dak il-għerf tal-qalb, kien mogħni bis-*sapientia cordis.*

Dun Ġorġ xandar il-verità mingħajr tlaqliq. Fil-qadi tal-missjoni tiegħu ta' verità, nistħajlu jgħid ċar u tond fejn ma jafx u fejn m'għandux tweġiba, fejn għadu hu stess qiegħed ifittex. Jistqarr il-verità u juriha bil-mod kif kien jgħix, bix-xhieda ta' ħajtu. Kien bniedem ta' rikonċiljazzjoni, għax kien bniedem ta' prudenza u ta' għaqal. Dan għax għaraf jgħix id-dixxerniment spiritwali matul ħajtu.

### 3. Għotja sħiħa

Dun Ġorġ għex is-Salib. Hawnhekk is-saċerdozju tiegħu jidher fl-aqwa tiegħu. Huwa tħaddan ma' dan il-Ktieb il-Kbir. Nistħajlu jgħid: "Nitħaddnu ma' l-aqwa u l-akbar ħabib fidil tagħna u ħuna l-aktar għażiż Kristu Ġesù kurċifiss b'mod tali li tul dan il-pellegrinaġġ tagħna qatt ma nwarrbuh mill-ħarsa tagħna: dan huwa l-ktieb tal-gwida u tal-veru mistrieħ"[3].

Kien is-saċerdot ikkunsmat, jiġifieri s-saċerdot mogħti kollu kemm hu, b'"ġisem mogħti" u "demm imxerred". Kull meta huwa lissen b'dik id-devozzjoni enormi l-kelmiet "Hudu u kulu għax dan huwa ġismi", huwa kien qiegħed

joffri, flimkien ma' Ġesù, ġismu u ħajtu kollha bħala għotja, bħala sagrifiċċju.

Biżżejjed tħares lejh. Jiġbdek. Il-qdusija tfur minnu. Ta ħajtu għall-Knisja. Għereq il-għaraq u stinka qatigħ fil-għalqa tal-Mulej. Nesa lilu nnifsu. Sar kollox għal kulħadd. Kien qaddej fidil, ma jafx jgħid le, kien x'kien il-ħin u kien fejn kien.

Kif rajna, kien jgħożż il-Kelma t'Alla, jitlob fuqha, u fl-waqt li titlaħħam fih kien jagħmilha tiegħu u jgħaddiha lill-oħrajn. Kien bniedem ta' talb, u għax talab kellu l-qawwa li jaħdem bla waqfien. Kien jgħaddi mit-toroq, u jagħmel il-ġid lil kulħadd. Kien fidil u ubbidjenti lejn is-superjuri tiegħu.

## Konklużjoni

Min qatt jista' jkejjel il-ġid moħbi li għamel Dun Ġorġ? Ma fittixx il-prosit. Ma fittixx l-unuri. Min jaf kemm qlub muġugħa farraġ? Min jaf kemm erwieħ sabu l-paċi ta' Ġesù permezz tiegħu!

Kien bniedem sagrifikat. Ħajtu kienet quddiesa waħda. Kull quddiesa, fil-mod kif kien iqaddes, kienet tixbah l-ewwel quddiesa tiegħu, filwaqt li kien iqisha wkoll bħallikieku kienet l-aħħar quddiesa li seta' jiċċelebra. "Kien fuq kollox iqaddes b'tant emozzjoni li kien jimpressjona lil kulħadd: kliem ċar, mingħajr għaġla jew lajma żejda, fiċ-ċelebrazzjoni, leħnu u l-fisjonomija tiegħu kienu bħal jinbidlu"[4]. Baqa' jaħdem u jagħti eżempju sal-aħħar nifs tiegħu fejn il-liżar li kien jgħattih sar it-terħa ta' l-artal, u l-ġisem tiegħu u ħajtu kollha d-debħa ta' l-aħħar quddiesa tiegħu.

Ismu jibqa' minqux fil-qalb tal-poplu. Huwa mudell għas-saċerdoti, mudell għal dawk fit-triq tal-formazzjoni saċerdotali, mudell għal kulħadd.

Veru bniedem t'Alla u bniedem tal-bnedmin. ❖

### Referenzi


1. *Ċerimonja tal-Kandidati*, 18.
2. Ġużeppi Delia, *Is-Serv t'Alla Dun Ġorġ Preca*, Żabbar 1971, 23.
3. Ġorġ Preca, *Il-Ktieb il-Kbir, 55.*
4. Ġużeppi Delia, *Is-Serv t'Alla*, 23-24.


### Biblijografija


Ġużeppi Delia, *Is-Serv t'Alla Dun Ġorġ Preca*, Żabbar 1971.

Hector Scerri, "Lis-Saċerdot mhux magħruf", *Pastor* (Marzu-April 1990) 22-23.

Arthur Vella, *Identità dejjem imġedda tal-presbiteru*, Aġġornament tal-Kleru, Novembru-Diċembru 2003 (mhux pubblikat).